MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 53/2003

**Stephen u Sandra Marie konjugi Brown ghan-nom ta' binhom minuri Arlo Blue Brown .**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku .**

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi nomine ppremettew :

Illi l-atturi nomine huma l-genituri ta' binhom minuri, Arlo Blue, li twieled fl-isptar Generali t'Ghawdex, fis-sitta (6) ta' Ottubru ta' l-elfejn u tnejn (2002) u l-att tat-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv mitejn u tmienja u ghoxrin tas-sena elfejn u tnejn (228/2002) (Dok. A) ;

Illi fl-istess att tat-twelid fil-kolonna ‘Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha’, isem it-tarbija nkiteb biss bhala Arlo u mhux Arlo Blue kif xtaqu illi jkun missier u omm it-tarbija ;

Illi l-atturi nomine minn dejjem kellhom l-intenzjoni li isem binhom ikun ‘Arlo Blue’ u mhux ‘Arlo’ biss ;

Illi l-atturi nomine jixtiequ illi ssir tali korrezzjoni fl-att tat-twelid ta’ binhom u dan sabiex jigu evitati komplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu aktar ‘l quddiem minhabba din l-iskorrettezza .

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv mitejn u tmienja u ghoxrin tas-sena elfejn u tnejn (228/2002) billi fil-kolonna ‘Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha l-isem ‘Arlo’ jinghad mieghu ukoll isem ‘Blue’ .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi konfermata bil-gurament ta’ Sandra Brown .

Rat ukoll id-dokument “A”, certifikat tat-twelid ta’ l-atturi nomine, anness ma’ l-istess citazzjoni .

Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut li ggib id-data tat- 8 ta’ Lulju, 2003 .

Rat ukoll l-avviz ippubblikat fil-gazzetta tal-gvern, ghal htigijiet ta’din il-kawza .

Il-Qorti, u peress illi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa’ l-istess talba attrici, u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv mitejn u tmienja u ghoxrin tas-sena elfejn u tnejn

(228/2002), billi fil-kolonna 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha', l-isem 'Arlo' jizdied mieghu wkoll l-isem 'Blue' .

Minhabba n-natura ta' din il-kawza ma ghandux ikun hemm spejjez .
S5303Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------